# Kelmtejn Qabel

Għeżież Tfal,
Kien fis-sena 1976 li dan il-ktieb ħareġ għall-ewwel darba. Kien l-ewwel wieħed li jien ippubblikajt għat-tfal. Warajh ġew tnejn oħra dwar l-istess karattru li lkoll intlaqgħu tajjeb ħafna mit-tfal li minn dak iż-żmien 'l hawn saru ommijiet u missirijiet. U mhix ħaġa kbira li l-ġenituri tagħkom ukoll kienu ħadu gost jaqraw dawn il-kotba fi tfulithom.

Biex tieħdu gost taqraw l-istejjer intom ukoll, u biex tifhmuhom aħjar, nixtieq infakkarkom li dawn il-ġrajjiet seħħew fis-snin ħamsin, meta l-ħajja f'Malta u l-ambjent tal-iskola ma kinux kif nafuhom illum.

L-ismijiet, ngħidu aħna, kienu aktarx kollha ta' bixra Maltija. Hekk, għalkemm fuq ir-reġistru tal-iskola l-karattru ewlieni f'dan il-ktieb kien imniżżel bħala "Peter", kulħadd kien isibu bħala "Pietru". L-istess nistgħu ngħidu għal "Gejtu", "Ninu", "Ċensu" u sħabhom l-oħra. Il-laqam ta' "Pitravu" ma kontx jien li qlajthulu, u xejn ma naqbel mal-laqmijiet. Imma lil Pietru kien jogħġbu għax minħabba fih kien iħossu speċjali. U tista' tgħid li kien hu stess li fassal dan il-laqam għalih innifsu. Taraw kif ġara dan meta taqraw l-ewwel storja.

Fl-iskola primarja ma konniex bniet u subien flimkien, bħal-lum, imma maqsumin f'żewġ skejjel differenti, waħda għall-bniet u oħra għas-subien. Hu għalhekk li f'dawn l-istejjer ma tantx jidħlu tfal bniet … għalkemm il-bniet xorta waħda jħobbu jaqrawhom.

Il-brejk ta' nofsinhar kien twil kważi sagħtejn. It-tfal u l-għalliema kienu jmorru d-dar f'nofsinhar biex jieklu u jistrieħu ftit, u mbagħad jerġgħu lura l-iskola fis-sagħtejn biex ikomplu bil-lezzjonijiet sal-erbgħa.

Flok imwejjed u siġġijiet kellna bankijiet li fihom konna noqogħdu tnejn tnejn. U l-kompjuters li llum għandkom fil-klassijiet tagħkom lanqas biss konna għadna ħlomna bihom!

Issa li tajtkom dan l-isfond naħseb li tistgħu tifhmu l-istejjer aħjar. Nittama li tieħdu gost taqrawhom u tidħqu żewġ daħqiet ma' Pietru Pitravu.

Inselli ħafna għalikom.

Il-ħabib tagħkom,
Carmel G. Cauchi
*Birkirkara,*
*Marzu 2003*

# Il-Laqam

L-iskola konna t-tnejn fi klassi waħda, dik tas-Sur Borg. Dan l-għalliem kien jagħmel ħiltu kollha biex jarana sejrin 'il quddiem fl-istudju. Li kien għalih kien ilaħħaqna kollha professuri. Iżda, jaħasra, xi wħud minna kienu jiġu l-iskola biss biex isaħħnu l-bank. Tista' tgħid li qatt ma kienu joqogħdu attenti għal-lezzjoni, u ħmir kienu u ħmir baqgħu. Pietru kien wieħed minnhom, biex ma ngħidx il-perċimes tagħhom.

Jum fost l-oħrajn, is-Sur Borg kien qiegħed jgħallimna x'jissejħu n-nies tax-xogħol, kull wieħed skont is-sengħa tiegħu. Qalilna li dak li jibni d-djar ngħidulu bennej, dak li jsewwi ż-żraben skarpan, dak li jagħmel l-għamara mastrudaxxa, u l-bqija. Għamel lista ta' xi għaxra u kitibhom fuq il-*blackboard* waħda

waħda. Domna ħafna naqrawhom u mbagħad dawwar il-*blackboard* wiċċu mal-ħajt biex jara niftakruhomx bl-amment.

"Xi nsejħulu 'l dak li jaħdem fir-raba'?" staqsiena. Għollew idhom ħafna tfal. Staqsa lil Calleja.

"Bidwi," wieġeb dan.

"Tajjeb," reġa' s-Sur Borg, u dak li jaqbad il-ħut?"

Din id-darba staqsa lili.

"Sajjied, Sir," weġibtu jien.

"Tajjeb ukoll," qalli hekk kif dawwar ħarstu lejn Pietru u lemħu aljenat jitkellem ma' ta' ħdejh. "Pietru!" ħatfu fil-pront. "Qum bilwieqfa ħalli naraw kemm kont attent!"

Pietru nħasad. Kien ilu aljenat matul il-lezzjoni kollha, u lanqas biss kien jaf fuqiex kien qed jitkellem is-Sur Borg.

"X'ngħidulu 'l dak li jaqta' x-xagħar?" staqsieh l-għalliem.

Pietru ħasibha ftit, imbagħad wieġeb,"Jien ngħidlu biex joqgħod attent li ma jmurx jaqtagħli widinti bl-imqass."

Aħna nfqajna nidħqu, iżda s-Sur Borg xejn ma

raha tad-daħq. Beda jteftef il-mustaċċi b'id waħda u jħokk il-qargħa bl-oħra. Meta batta ftit id-daħq dar fuq Pietru u reġa' staqsieh bl-ikbar paċenzja, "Lil dak li jaqta' x-xagħar xi nsejħulu, Piet?"

Pietru kien mifxul għall-aħħar u reġa' tefagħha għal sieqha, "Ġanni ta' Marinton."

Konna se nerġgħu nidħqu, imma s-Sur Borg ħabbat idu ma' wiċċ il-mejda u ħasadna minn ġewwa. S'hawnhekk waslet il-paċenzja tiegħu. Wiċċu sar aħmar nar bir-rabja, u għajnejh bdew itajru x-xrar. Beda jdur mal-klassi, iferfer idejh u jgħajjat "Bravu! Bravu tassew! Bravu daqs …"

"Daqs pitravu," qabbilhielu Pietru biex iwaqqagħha għaċ-ċajt u ma jistħix.

U rnexxielu, tafux, għax infqajna nidħqu kollha, bis-Sur Borg b'kollox.

Dan dar fuqu, taptap tnejn fuq il-bettija ta' żaqq li kellu, u qallu bid-daħqa, "Jekk f'għomrok kollu qatt m'għedt waħda tajba, għedtha llum!"

U kompla jdur mal-klassi u jgedwed waħdu, "Pietru bravu daqs pitravu! Ħeħ ħeħ ħe!"

U dak l-imbierek ta' Pietru baqa' magħruf sal-lum bħala "Pietru Pitravu".


MALTA